# Laqgħa tal-Kunsill Lokali Marsa

**Minuti**

**L-Għaxar Leġislatura**

**Laqgħa numru 19**

**5.00p.m 19 ta' Ġunju 2025**

**Preżenti**

| | |
|---|---|
| Is-Sur Luke Farrugia | Sindku |
| Is-Sinjura Gloria Aquilina | Kunsillier |
| Is-Sur Anthony Meilak | Kunsillier |
| Is-Sur Domenic Spencer | Kunsillier |
| Is-Sur Joseph Scerri | Kunsillier |
| Is-Sur Joseph Cachia | Kunsillier |

**Assenti b'Apoloġija**

Viċi Sindku Josef Azzopardi

**Assenti**

Ħadt

**Uffiċċjal Preżenti**

Mariella Strout - Deputat Segretarju Eżekuttiv

**Is-sindku Luke Farrugia fetaħ il-laqgħa fil-ħamsa ta' fil-għaxija.**

**19.1 Qari tal-ittri t'apoloġija;**
Sindku informa li Viċi Sindku kien bagħat jinforma li ma kienx jista' jattendi

**19.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti.**
Is-Sindku ressaq il-Minuti ta' laqgħa urġenti numru sbatax (17) u il-Minuti ta' laqgħa numru tmientax (18) tal-Kunsill għal din il-leġislatura, li ġew iċ-ċirkolati minn qabel.

**19.2.1** Wara mozzjoni mressqa mis-Sindku u s-sekondat mill Kunsillier Joseph Scerri, il-membri tal-Kunsill approvaw b'mod unanimu l-Minuti msemmija

**19.2.3** Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv nfurmat li Sur Roderick Ebejer aċċetta il-kariga ta' Segretarju Eżekuttiv u kien qiegħed preżenti għal din il-laqgħa. Is-Sindku u il-Kunsilliera nirringrazzjawħ talli aċċetta dan l-inkarigu u merħba fil-Kunsill tal-Marsa.

**19.3 Komunikazzjoni mis-Sindku;**

**19.3.3 Proposta tal-bdil fil-ħin tal-ġbir ta' l-iskart**
Deputat Segretarju Eżekuttiv infurmat li l-Kunsill Reġjonali intalab jiġbor informazzjoni mingħand il-Kunsilli dwar l-opinjoni tagħhom fuq il-proposta sabiex l-iskart jinġabar filgħaxija.
**Il-Kunsill id-iddiskuta u kien hemm opinjonijiet diversi, iżda finalment ġie konkluż illi qabel ma jkun hemm deċiżjoni il-Kunsill jingħata iktar informazzjoni dwar kif ser taħdem is-sistema.**

**19.3.4 Sitwazzjoni kurrenti madwar il-korsa – ġbir ta' demel ta' żwiemel**
Is-Sindku ta' spjega ta' sitwazzjoni ta' ġbir ta' demel mill -istallel qabdet ritmu u qed jinġabar nadif mil-bins li ġew provduti. Ġie nnotata li kien għad hemm xi stallel li kellhom bżonn il-bins għalhekk sar addendum neċessarju sabiex jinxtraw iktar bins, l-ispiża ġiet koperta mid-DLG. Huwa tenna li xorta għad hemm il-problema ta' l-abbuż fejn hemm persuni li qed immorru jwaddbu demel fejn qabel kien hemm l-open skips kif ukoll is-sitwazzjoni ta' ħruġ tal-borża sewda mill l-istallel. Is-Sindku indika li kien hemm korrispondenza dwar il-kas li jmur lura sa 2005 fejn jidher li kien deċiżjoni li Dipartiment Lokali għandu jipprovdi tindif ieħor madwar il-korsa (rimi illegali) jew jagħti rimbors li Kunsill Lokali ta' dawn l-ispejjeż żejda. Għalhekk kien qed jitlob approvazzjoni tal-Kunsill sabiex ikun jista' jordna lil kuntrattur jiġbor l-iskart żejjed u l-ispiża tintbagħat li DLG skont kif tindika l-iskrittura.
**Il-Kunsill approva u tenna li għandu jittieħed il-parir ta' l-avukat.**

**19.3.5 MoU mal- Housing Authority**
Is-Sindku ta' redikont ta' l-aħħar Laqgħa li kellu dwar l-MoU, fejn ġie konluz li dawk il-pendenzi li kien baqa li kienu jinvolvu diversi ħsarat inkluz dawl, ilma ħiereġ u bins li ma kienux għadhom twaħlu, dawn ser jiġu kopperti kollha mill-kuntrattur. Rigward il-landscaping il-Kunsill ser jingħata 100,000 fondi proġett 10,000 kull sena għal l-ewwel 5 snin u 20,000 għat tlett u raba sena. Sindku qed jitlob li sakemm jinħareġ it-tender tinħareġ kwotazzjoni ħalli zona ma tkunx mitluqa.
**Il-kunsill approva li tinħareġ kwotazzjoni.**

**19.3.3.1 Persuna tokkupa kamra fil-Housing Estate**
Is-Sindku qal li hemm persuna li qed jokkupa kamra fil-housing estate fejn hemm il-meters. Huwa tenna li persuna ma hiex homeless imma bdiet tokkupa il-kamra illegalment. Il-Kunsillier Joesph Scerri qal li l-Awtorita ta' Djar għanda enforcement officers sabiex jieħdu azzjoni fuq min ikun

qed jiżgombra xi post ta' l-istess awtorità u ma hemmx għalfejn jagħmlu il-Kunsill dan ix-xogħol.
**Is-Sindku qal li jinbidel il-code tal-katnazz ħalli din il-persuna ma tkunx tista' tidħol.**

**19.3.4 Proposta mix-Xufier tal-Kunsill**

Sindku informa li xufier tal-Kunsill kien qed joffri li jibda siegħa qabel jiġifieri f'7.00am sabiex ir-residenti jkunu jistaw jilħqu ma l-appuntamenti tagħhom.

**Il-Kunsill qabel mal-proposta, iżda jispiċċa siegħa qabel wara nofs inhar.**

**19.3.5 Proġett- Minn Pjazza għal Pjazza**

B'referenza għall-applikazzjoni l- issottometta l-Kunsill għall-inizjattiva Minn Pjazza għal Pjazza id-Diviżjoni tal-Gvern Lokali ma laqax il-proposta tal-Kunsill. Il-proposta tal-kunsill tista' tkun rfinata u tiġi kunsidrata għal edizzjonijiet oħra ta' din l-inizjattiva

**Il-Kunsill ħa nota ta' din il-konsiderazzjoni**

**19.3.6 Bankina / double yellow line**

Is-Sur Apap qed jitlob li ssir bankina fi Triq San Gorg Preca il-parti ta' fejn hemm ukoll il-Bus stop fejn meta tagħmel ix-xita qed iżomm ħafna ilma. Apparti hekk qed jitlob ukoll li jsir double yellow line quddiem il-bieb tar-remissa li tinsab fl-istess triq u ma jkunx jista' jidhol u joħroġ peress li jipparkjaw eżatt mal-bieb.

**Sindku qal li huwa kien diġà informa li Transport Malta fuq il-yellow lines. Rigward bankina il-Kunsillier Domenic Spencer qal li zona taqa' f'responsabiltà ta Infrastructure Malta.**

**19.3.7 Ilma dieħel ġo garage**

Ir-Resident informa lill-Kunsill li kull meta tagħmel ix-xita qed jidħollu l-ilma fil-garaxx tiegħu.

**Il-Kunsill ikonkluda li resident għandu jqabbad Perit sabiex ikun determinat għalfejn qed jidħol l-ilma. Il-Kunsill ma huwiex responsabbli ta' propjetà privata.**

**19.3.8 Kunsilliera Gloria Aquilina resqet ilment dwar Triq Azzopardi**

Diversi residenti qed jilmentaw fuq il-problema li qed tinħoloq fi Triq Azzopardi in-naħa t'isfel meta tagħmel ħafna xita. Il-Kunsilliera Gloria Aquilina qalet li hemm gutter li irrid jitnaddaf. Hija infurmat l-uffiċju u nfurmawha li dan jitnaddaf u jitħammeġ malajr.

Ġie deċiż li jiġi konsulta il-perit minħabba kif taqleb it-triq.

**19.3.9 Joseph Bezzina & Sons Road Damage**

Il-Kumpanija Joseph Bezzina & Sons informaw lill-Kunsill li fit-triq ta' wara il-binja tagħhom li tinsab fis-service road ta' Triq Aldomoro qed isir xi xogħol ta' kostruzzjoni. Qed jiġi nnutat li qed issir ħsara fit-tarmak tat-triq għalhekk qed jitolbu li l-Kunsill jinvestiga dan il-każ. Ritratti annessi ma' l-email.

**Is-Sindku qal li l-Kunsill irrid jinforma lil Transport Malta u huwa tal-fehma li rapport jintbagħat lil Kunsill**

**19.3.10 Kuntratt Bilboard**

Il-Pageant Group Marija Reġina ħejjew kuntratt dwar il-kiri tal-Billboard

Is-Sindku prezenta kuntratt draft li kien intbagħat mill kumitat Pageant Group Marija Reġina. **Il-Kunsill tenna li kuntratt irridu jzdiedu diversi punti għalhekk kien aħjar li jiltaqaw il-partijiet. Il-Kuntratt għandu jkun hemm il-firma ta' Segretarju Ezekuttiv u Kaxxier jew Segretarju ta' l-Għaqda.**

Sindku Luke Farrugia, Viċi Sindku Josef Azzopardi, Kunsilliera Gloria Aquilina, Joseph Scerri ,Dominic Spencer, Joseph Cachia, Anthony Meilak

Deputat Segretarju Eżekuttiv: Mariella Strout

**19.3.11 Ħsara – Pont San Tumas**

The Meeting Place jibdu l-attenzjoni tal-Kunsill dwar il-ħsara li tidher li hemm mall-ġenb tal-Pont San Tumas kif jidher fir-ritratti annessi.

**Il-Kunsillier Domenic Spencer informa li Perit ta'Infrastructure Malta kienet ser tinkludi restorazzjoni tal-mini ta' pont fill proġett li għanda pjanat f'dik zona.**

**19.3.12** SPI/SCI/02/2-25 – Skema għall-Attivitajiet Kulturali Annwali 2025/2026

Id-Diviżjoni tal-Gvern Lokali infurmaw li l-Kunsill li l-applikazzjoni tiegħu ġiet aċċettata. B'din l-iskema il-kunsill applika biex bil-fondi jiftaħ Mużew tal-Presepji

**Il-Kunsill ħa nota u irringrazzja li Diviżjoni ta' Strateġija u Implementazzjoni u il-Gvern Lokali tagħli approva il-fondi għal dan il-proġett.**

**19.3.13 Ittri lil GreenPak fuq IBins**

Sindku ppreżenta żewġ ittri miktuba min l-avukat għal li ser tintbagħat lil GreenPak u oħra lil Ombudsman. L-ittri il-Kunsillier Domenic Spencer qal l-importanti li Kunsill ma jidħolx f'spejjes.

**Il-Kunsill approva l-jintbagħatu l-ittri**

**19.3.14 L-uffiċju ta' Segretarju**

Sindku informa li qed jipproponi li l-uffiċju jkun beswit tiegħu u qal li hemm bżonn jitwaħħal AC ġdid. Il-Kunsillier Joesph Scerri u Kunsillier Domenic Spencer li aħjar ikun fejn l-uffiċju fejn hemm l-staff. **Ġie konkluż li meta ES jibda bil- ħidma tiegħu jiġi deċiż wara li jkun fil-post.**

**19.3.15 Servizz ta'tiswija fuq sistemi ta' IT lil residenti**

Is-Sindku nforma li ngabru kwotazzjonijiet sabiex ir-residenti ikunu jingħataw servizz ta' tiswija fuq sistemi ta' IT.

**Il-Kunsilliera Gloria Aquilina staqsiet sabiex tara il-kwotazzjoni u ssuġġerita li jingħata rapport ta' kif sejjer l-andament ta' servizz wara l-ewwel sitt xhur.**

**L-irħas kwotazzjoni u l-iktar waħda vantaġġuża ġiet approvata mill Kunsill. Is-servizz se jingħata lil dawk li għandhom il-ID card fuq il-Marsa.**

**Il-Kunsillier Domenic Spencer astjena min din deċiżjoni**

**19.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsilliera**

**19.4.3** Il-Kunsillier Joesph Scerri ġibed l-attenzjoni li f' Triq Fra diegu Marsa hemm kumpanija Joe Formosa li permezz ta' trakkijiet u vetturi qed jagħmlu ħsarat fuq il-bankina u l-isprali. Huwa tenna li ġirien sewwew il-ħsarat min flus tagħhom għaliex issibu diffiċli biex jikkomunikaw ma sid u l-impjegati. Kunsillier Scerri qed jitlob sabiex issiru bollards ħalli trakkijiet ma komplux jagħmlu ħsarat u issir iktar infurzar f'zona. Is-Sindku tenna li se jinforma lil Kumissarju tal-Pulizija. **Il-Kunsill qabel mal-proposta**

**19.4.4** Il-Kunsillier Gloria Aquilina qalet li fil-Minuti irrid jitniżżel Segretarju Eżekuttiv il-ġdid is-Sur Roderick Ebejer aċċetta il-kariga.

**Il-Kunsill qabel.**

**19.4.5** Il-Kunsillier Domenic Spencer tkellem dwar iż-żjara fil-belt ta' Bridgewater li għanda twinning ma lokalita tal-Marsa. Huwa qal li kellu diversi laqgħat fejn ġie diskuss il-possibbiltà ta' skambji

bejn l-iskejjel tal-lokalitajiet rispettivi, sabiex jiġi stabbilit ħbiberija bejn l-iscouts , kif ukoll issir żjara mill Kor ta' Bridgewater fil-Marsa.
**Il-Kunsill qabel ma din il-proposta**

**19.4.6** Il-Kunsillier Domenic Spencer qal li kien wasal iz-zmien li jiġi ngaġġat Contracts manager, għalkemm fil-passat kien kontra din il-proċedura, illum tant żdied ix-xogħol li hemm bżonn persuna oħra sabiex tara xogħolijiet qed issiru. Il-Kunsillier Joseph Scerri seconda din il-proposta.
**Il-kunsill qabel li jiġi ngaġġat Contracts Manager**

**19.5 Rapporti**

**19.5.3 Rapport Finanzjarju Q1 2025**

Is-Sindkut ressaq ir -rapport ta' l-ewwel kwart tas-sena. Hu talab lil accountant Sur Laurence Manicaro jagħti spjega tiegħu. L-accountant ta' spjega ta' l-andament finanzjarju ta' l-ewwel tlett xhur. Huwa spjega li ġie kalkulat surplus ta' 11,000 ewro għalkemm il-Kunsill għadu qed jindirizza defiċit , iżda dan kien riżultat tajjeb. Il-Kunsillier Domenic Spencer staqsa jekk dan is-surplus huwiex riżultat li kontijiet ta' l-iskart m'għandhomx jitħallsu mill-Kunsill. L-accounant ikkonferma li iva din il-miżura ħalliet effett għaliex l-allokazzjoni ta' li skart ma kienetx tnaqqset kollha lil Kunsill.
**Il-Kunsill preżenti approvaw ir-rapport finanzjarju b'mod unanimu**

Fuq mozzjoni mressqa mis-Sindku u ssekondata Kunsillier Gloria Aquilina il-Membri kollha preżenti approvaw

**19.5.4** Rapport tal-Evalwazzjoni - TENDER FOR THE PURCHASE OF A FULLY ELECTRIC, ZERO EMISSION, ELECTRIC VAN TO THE MARSA LOCAL COUNCIL
Is-Sindku stieden li Deputat Segretarju Ezekuttiv sabiex taqra rapport ta' Evalwazzjoni. DES qalet li għal dan it-tender kuntrattur wieħed kien issottamenta interes . Il-Bord ta' evalwazzjoni ikonkluda li l-bid kienet eliġibli u il-prezz kien kompatibli mal-badġit allokat. Għalhekk il-Bord ta' rakomandazzjoni li dan it-tender jiġi approvat bl -amount ta' 51,985.00.
**Il-Kunsill aċċetta rekommandazzjoni tal-Bord u approva rapport b'mod unanimu.**

**19.5.5 Rapport Risposta tal-Kunsill għal Management Letter 2024**
Is-Sindku stieden li Deputat Segretarju Eżekuttiv u l-accounant jagħtu spjegazzjoni dwar ir-risposta tal-management letter. DES qalet li Management letter mingħand NAO kienet waħda pożittiva u żewġ rimarki li kien hemm u fuq affarijiet li l-Kunsill ma kellux kontroll fuqhom għaliex kienu relatati ma sistema ta' pagamenti ta' LESA u kumment ieħor huwa fuq il-pagament ta' Waste rejects li għand ma hemmx deċzjoni fuqhom min DLG. L-accounant spjega li rimarka oħra kienet fuq l-amounti fl Fs7u Fs3 relatata mal-paga tal- ex Segretarju Ezekuttiv iżda din ġiet solvuta ukoll.
DES irringrazzjat li l-istaff amministrattiv ta' xogħol li jagħmlu fuq żamma ta' dokumentazzjoni u il-proċessi ta' amministrattivi b'mod diliġenti li sarraf f'audit result pożittiv.
**Il-Kunsill approva ir-risposta b'mod unanimu**

**19.6 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda ta' pagament**
Is-Sindku ippreżenta l-iskeda ta' pagamenti bin-numru ta' referenza 06/25 li ġew iċ-ċirkolati minn qabel mal-avviż tal-laqgħa.

**19.6.1** Wara mozzjoni mressqa min proponent Kunsillier Joesph Scerri u sekondat Kunsillier Joseph Cachia il-kunsill approva unanimament il-ħlasijiet indikati fl-iskeda tal-pagamenti



Kunsill Lokali Marsa, Pont San Tumas, Marsa
*Email: marsa.lc@gov.mt* *Tel: 21220522 / 21224877*

**19.7 Item: Approvazzjoni ta' applikazzjonijiet għal fondi min skemi diversi**

Il-Kunsillier Domenic Spencer spjega li xi xhur ilu kien attenda għal laqgħa rigward skemi fejn kien spjegat illi l-Kunsill jagħmel approvazzjoni waħda għal l-iskemi kollha, izda jidher li hemm bzonn li badġit ta' kull skema jiġi approvat mill Kunsill.
Skema oħra SCI/SPI/07/2025 Finanzjament– Komunitajiet aktar b'saħħithom u ta' kwalità fejn il-Kunsill kif diġà kien iddiskuta sena l-oħra jista japplika għal proġett ta' sabiex issir taraġ għal ħruġ ta' emerġenza mid-Day Centre. Dan il-proġett skont l-istima ta' il-Perit ser jiswa madwar 100,000 ewro. Min din l-iskema il Kunsill jista jinbenifika madwar 85,000 ewro.
**Il-Kunsill approva li japplika għal din l-iskema**

**19.8 Item: Ememda fil-byelaw ta' riklamar fil-lokalita**

Il-Kunsillier Domenic Spencer qal li ġie nnotat li diversi kumpaniji qed iwaħħlu riklamar u mhux qed jonoraw il-Bye-law li għandu il-Kunsill. Huwa qed jipproponi li jsiru emendi fil-bye law ezistenti sabiex il-kumpaniji li jagħmlu riklami fuq bollards dawn irridu iħallsu mezata .
**Il-Kunsill qabel li jsiru l-emendi neċessarji**

**19.9 Item: Byelaw ġdida għal ħlas ta uzu ta' spazjju (heavy Industrial waste) meta jintuza min entitajiet kummerċjali.**

Il-Kunsillier Domenic Spencer qed jipproponi l-issir Byelaw sabiex meta entitajiet kummerċjali. jagħmlu uzu ta' l-art pubblika b'mod temporarju irrid iħallas; ezempju kontejners, skips etc
Kunsillier Joseph Scerri qal li hemm bzonn infurzar serju għaliex ħafna kumpaniji qed jagħmlu ħsarat fuq il-bankini.
**Il-Kunsill qabel ma din proposta u ser jiġi notifikat l-avukat, ħalli jibda draft ta' byelaw.**

**19.10 Mozzjonijiet**

**19.10.1 Studju dwar il-Kapaċita' ta' Tolleranza ta' l-Izvilupp - Carrying Capacity**

Il-Kunsilliera Gloria Aquilina qalet li kif ġie nfurmat il-Kunsill hija qed tiprezenta mozzjoni sabiex issir studju dwar il-Kapaċita' ta' Tolleranza ta' l-Izvilupp. Hija qrat il-mozzjoni fejn kienet qed tindika kif issir uzu sostenibli ta' art sabiex jiġu protett is-saħħa ta' resident.
Il-Kunsilliera Gloria Aquilina tablet għal sekondant. Ħadt ma sekonda din il-mozzjoni
Peress li ħadt ma sekonda ma setgħax jitieħed vot. Il-Kunsillier Joseph Scerri rimarka li diskussjoni ma setgħatx tkompli.
**Il-mozzjoni kollha qeda memuza ma dawn il-minuti.**

**19.11 Tmiem il-Laqgħa u aġġornament**

Il-Kunsillier Domenic Spencer suġġeriexa li Deputat ES tkun preżenti fil-laqgħa li jmiss. Il-Kunsill qabel.
DES tagħt brief ta' kif qed issir il-handover l-Segretarju Eżekuttiv
Il-laqgħa ntemmet fis-9.00pm u ġiet aġġornata għal 17 ta'Lulju 2025 fl-5.00 pm fil- bini amministrattiv tal-Kunsill.

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| Luke Farrugia | Mariella Strout |
| Sindku | Deputat Segretarju Eżekuttiv |

Sindku Luke Farrugia, Viċi Sindku Josef Azzopardi, Kunsilliera Gloria Aquilina, Joseph Scerri ,Dominic Spencer, Joseph Cachia, Anthony Meilak

Deputat Segretarju Eżekuttiv: Mariella Strout

Kunsill Lokali Marsa, Pont San Tumas, Marsa
*Email: marsa.lc@gov.mt* *Tel: 21220522 / 21224877*